# DEĊIŻJONI TA' INTERESS GĦALL-ĦADDIEMA



minn Brenda Azzopardi
Uffiċjal tal-MEUSAC

**Ħaddiema li huma ċittadini tas-27 Stat tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux jitilfu d-dritt tagħhom għal-leave minħabba l-fatt li dawn ikunu għamlu tul ta' żmien neqsin mix-xogħol minħabba mard.**

Dan ħabbritu l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja meta tat interpretazzjoni favur ħaddiema mill-Ingilterra u l-Ġermanja wara li dawn ma tħallewx jieħdu l-leave annwali tagħhom peress li kienu għadhom kemm qattgħu perjodu ma jidħlux għax-xogħol għax kienu fuq sick leave.

Skond id-Direttiva dwar il-Hin tax-Xogħol li ġiet adottata l-ewwel darba fl-1993 fl-UE, il-ħaddiem għandu perjodu minimu ta' leave mħallas kull sena, li dan jista' jkun akkumulat ukoll għas-sena ta' wara. Il-każijiet fl-Ingilterra kienu jikkonċernaw individwi li kienu mċaħħdin mill-vaganzi tagħhom għax kienu talbu l-perjodu ta' leave tagħhom eżatt wara li daħlu lura għax-xogħol wara żmien twil neqsin minħabba mard. Kien hemm oħrajn li kienu mkeċċija mix-xogħol matul il-perjodu ta' mard, imbagħad wara ma ħadux il-perjodu ta' leave annwali. Rigward il-każijiet fil-Ġermanja, ċittadin Ġermaniż b'diżabilità ma kellux jitlef il-leave għaliex ma kienx f'saħħtu f'dak il-perjodu jew ma setax jakkumula l-leave. B'hekk id-deċiżjoni ttieħdet mill-Qorti Ewropea biex tassigura lill-ħaddiem li l-gvernijiet tal-Pajjiżi Membri, għalkemm skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà l-Istat għandu ammont ta' awtonomija, dan ma jfissirx li l-ħaddiem għandu jitlef id-dritt għal-leave imħallas.

Din id-deċiżjoni tiċċara s-sitwazzjoni rigward il-leave tal-ħaddiem li, għal bosta snin kienet suġġett ta' interpretazzjonijiet u ta' kritika differenti u li setgħet twassal ukoll



għal tnaqqis tal-leave għall-ħaddiem minn min iħaddem. B'hekk għal min iħaddem, din tista' sservi ta' twissja dwar l-obbligi fil-konfront tal-ħaddiema tiegħu. F'sitwazzjoni fejn l-ekonomija għaddejja minn kriżi u t-tkabbir ekonomiku qed ikompli jmajna, fl-Ewropa min iħaddem għandu jibqa' jagħti l-istess benefiċċji lill-ħaddiem, filwaqt li jagħmel minn kollox biex in-negozju tiegħu jsalva u jibqa' wieħed kompetittiv.

Barra minn hekk, f'każijiet fejn il-ħaddiem ikun ħareġ bis-sick leave għal tul ta' żmien, ngħidu aħna xhur jew saħanistra aktar, u qatt ma rritorna fuq il-post tax-xogħol, is-sid għandu jħallas lill-ħaddiem is-somma li tkun tkopri l-perjodu ta' leave mħallas li ma kienx ħa. Għal sidien ta' intrapriżi żgħar, din tista' taffettwahom b'mod negattiv. Għalkemm dan jista' jfisser iktar spejjeż għal min jimpjega, id-drittijiet tal-ħaddiema għadhom dejjem jkunu msaħħa u jiġu salvagwardjati iktar fl-UE.